# ID-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM

L-Unjoni Ewropea hija impenjata biex tappoġġa lid-demokrazija u lid-drittijiet tal-bniedem fir-relazzjonijiet esterni tagħha, f'konformità mal-prinċipji fundaturi tagħha tal-libertà, id-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, għal-libertajiet fundamentali u għall-istat tad-dritt. L-UE tfittex li tintegra tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-politiki u fil-programmi kollha tagħha, u għandha strumenti ta' politika differenti fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem għal azzjonijiet speċifiċi – inkluż il-finanzjament ta' proġetti speċifiċi permezz tal-istrumenti finanzjarji tal-UE.

## BAŻI ĠURIDIKA

— L-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE): Il-valuri tal-UE. Il-valuri li fuqhom hija msejsa l-UE huma dawk "tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi";

— L-Artikolu 3 tat-TUE: L-objettivi tal-UE. Fir-"relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja", l-UE tikkontribwixxi għall-"qerda tal-faqar u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem b'mod partikolari dawk tat-tfal, kif ukoll għar-rispett sħiħ u għall-iżvilupp tad-dritt internazzjonali, partikolarment ir-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti";

— L-Artikolu 6 tat-TUE: il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Għalkemm il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (l-Artikolu 6(1)) tirreferi espressament biss għall-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE u l-Istati Membri tagħha jridu jirrispettaw ukoll il-Karta fir-relazzjonijiet esterni tal-UE. Il-pajjiżi li se jingħaqdu mal-UE jridu wkoll jikkonformaw mal-Karta. L-Artikolu 6(2) jirrikjedi li l-UE taderixxi mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (għal aktar tagħrif, jekk jogħġbok ara l-iskeda informattiva 4.1.2 dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali);

— L-Artikolu 21 tat-TUE: prinċipji li jispiraw l-azzjoni esterna tal-Unjoni. Dawn il-prinċipji huma d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, l-ugwaljanza u s-solidarjetà, u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1945 u tad-dritt internazzjonali. Fl-Artikolu 21, l-UE tħaddan il-prinċipju tal-"indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali" u timpenja ruħha li tqis id-drittijiet ekonomiċi u soċjali bl-istess importanza tad-drittijiet ċivili u politiċi;

— L-Artikolu 205 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE): dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-azzjoni esterna tal-Unjoni. Dan l-artikolu jipprevedi li l-azzjonijiet internazzjonali tal-UE għandhom ikunu ggwidati mill-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-TUE.

## IL-POLITIKA TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM TAL-UE

Fl-2012, il-Kunsill Ewropew adotta Qafas Strateġiku dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, akkumpanjat minn pjan ta' azzjoni biex jimplimenta l-qafas. Il-qafas jiddefinixxi l-prinċipji, l-objettivi u l-prijoritajiet għat-titjib tal-effikaċja u l-konsistenza tal-politika tal-UE matul l-10 snin li ġejjin. Dawn il-prinċipji jinkludu l-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-politiki kollha tal-UE (bħala "fil tad-diskors"), inkluż meta l-politiki interni u esterni jikkoinċidu, u jinkludu wkoll l-adozzjoni ta' approċċ imfassal aħjar. Il-pjan ta' azzjoni stabbilixxa passi speċifiċi għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2014. F'Lulju tal-2015, ġie adottat pjan ta' azzjoni ġdid għall-perjodu 2015-2019, ibbażat fuq il-valutazzjoni tal-ewwel pjan kif ukoll fuq il-gwida politika tal-Viċi President tal-Kummissjoni/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ).

Filwaqt li mhumiex legalment vinkolanti, il-linji gwida tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem adottati mill-Kunsill tal-UE jagħtu istruzzjonijiet prattiċi lir-rappreżentanzi madwar id-dinja dwar:

— azzjoni kontra l-piena tal-mewt,
— djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem,
— id-drittijiet tat-tfal,
— azzjoni kontra t-tortura u trattament krudili ieħor,
— il-protezzjoni tat-tfal waqt kunflitti armati,
— il-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem,
— ir-rispett tad-dritt umanitarju internazzjonali,
— il-ġlieda kontra l-vjolenza fil-konfront tan-nisa u l-bniet,
— il-promozzjoni tal-libertà tar-reliġjon u tat-twemmin,
— il-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI),
— il-promozzjoni tal-libertà tal-espressjoni online u offline.

L-UE regolarment tinkludi d-drittijiet tal-bniedem fid-djalogi politiċi mmexxija ma' pajjiżi terzi jew ma' organizzazzjonijiet reġjonali. Hi twettaq ukoll djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u konsultazzjonijiet iddedikati għad-drittijiet tal-bniedem ma' aktar minn 40 pajjiż. Barra minn hekk, kważi d-79 pajjiż Afrikan, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) kollha, għandhom djalogu mal-UE bbażat fuq l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou, li jgħid li d-djalogu politiku għandu jinkludi "l-valutazzjoni regolari tal-iżviluppi rigward ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem".

Inizjattivi diplomatiċi (li huma kunfidenzjali) u dikjarazzjonijiet (li huma pubbliċi) li jindirizzaw il-politiki tad-drittijiet tal-bniedem u l-ksur konkret tad-drittijiet fil-pajjiżi terzi huma wkoll mezzi sinifikanti li bihom issir pressjoni diplomatika fir-relazzjonijiet internazzjonali.

Il-ftehimiet kummerċjali bilaterali u d-diversi ftehimiet ta' assoċjazzjoni u ta' kooperazzjoni bejn l-UE u l-pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet reġjonali jinkludu klawsola li tagħti definizzjoni tad-drittijiet tal-bniedem bħala "element essenzjali". Miżuri differenti – bħat-tnaqqis jew is-sospensjoni tal-kooperazzjoni – jintużaw biex jindirizzaw każijiet ta' nuqqas ta' konformità. Ġie stabbilit mekkaniżmu ta' kundizzjonalità qawwi għall-pajjiżi tat-tkabbir. Approċċ "aktar għal aktar" (aktar integrazzjoni u flus biex jiġu skambjati ma' aktar riformi) ġie integrat fil-politika

Ewropea tal-viċinat imġedda. Fl-iskemi ta' kummerċ preferenzjali, mogħtija mill-UE lill-pajjiżi f'fażi ta' żvilupp (SPĠ+), qegħdin jiġu mogħtija inċentivi għar-riformi.

L-istrateġiji tal-pajjiżi marbuta mad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija tal-UE huma bbażati fuq approċċ minn isfel għal fuq bl-għan li jintegraw il-linji gwida u l-prijoritajiet tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem f'dokument ta' politika uniku u koerenti adattat għal pajjiż partikolari, b'objettivi konkreti stabbiliti fuq perjodu ta' tliet snin. Il-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali tal-UE huma intiżi wkoll biex itejbu d-drittijiet tal-bniedem billi jiskoraġġixxu l-intimidazzjoni u l-vjolenza matul l-elezzjonijiet u billi jsaħħu l-istituzzjonijiet demokratiċi.

L-UE tippromwovi wkoll id-drittijiet tal-bniedem permezz tal-parteċipazzjoni tagħha f'fora multilaterali bħat-Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) u l-Kunsill tal-Ewropa. L-Unjoni tippromwovi wkoll b'mod attiv il-ġustizzja internazzjonali, pereżempju permezz tal-Qorti Kriminali Internazzjonali.

B'baġit li jammonta għal EUR 1.3 biljun allokat bejn l-2014 u l-2020, l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) jappoġġa (prinċipalment) l-atturi tas-soċjetà ċivili li jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija. Karatteristika importanti ta' dan l-istrument hija l-fatt li l-awtorizzazzjoni tal-gvern rilevanti mhijiex meħtieġa. Strumenti finanzjarji oħrajn li jittrattaw id-drittijiet tal-bniedem jinkludu l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI), l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabilità u l-Paċi (IcSP), l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI) u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ). Barra minn hekk, l-UE impenjat ruħha li progressivament tintegra approċċ ibbażat fuq id-drittijiet fil-programmi kollha tagħha, abbażi tas-sett ta' għodod żviluppat mill-Kummissjoni fl-2014. Il-Fond Ewropew għad-Demokrazija huwa fondazzjoni tal-liġi privata appoġġata mill-UE u mill-Istati Membri tagħha. Il-baġit 2014-2020 għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) tal-Unjoni, li jammonta għal EUR 2.3 biljun, ikopri diversi attivitajiet rilevanti għad-drittijiet tal-bniedem, partikolarment il-ġestjoni tal-kriżijiet ċivili.

Rapport annwali dwar id-drittijiet tal-bniedem, imħejji mill-VP/RGħ u adottat mill-Kunsill, jagħti ħarsa ġenerali lejn il-qagħda tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja, kif ukoll tal-azzjonijiet tal-UE matul is-sena.

## L-ATTURI

Il-Kunsill Ewropew jiddefinixxi l-interessi strateġiċi tal-UE u l-linji gwida ġenerali tal-PESK.

Il-ministri tal-affarijiet barranin tal-UE fil-Kunsill Affarijiet Barranin, li jiltaqa' kull xahar, ġeneralment jittrattaw il-kwistjonijiet marbuta mad-drittijiet tal-bniedem li joħorġu mill-PESK jew permezz tal-politiki kummerċjali jew ta' żvilupp tal-UE. Il-Grupp ta' Ħidma għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill (COHOM), li jwettaq xogħol ta' tħejjija għal diskussjonijiet u deċiżjonijiet ta' livell għoli dwar kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, huwa magħmul minn esperti fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem mill-Istati Membri u rappreżentanti mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u l-Kummissjoni.

Il-Kunsill Affarijiet Barranin huwa presedut mill-VP/RGħ – attwalment Federica Mogherini – li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-PESK tal-Unjoni u tiggarantixxi li d-deċiżjonijiet jiġu implimentati. Il-VP/RGħ tirrappreżenta wkoll lill-UE fi kwistjonijiet tal-PESK u tissorvelja s-SEAE u d-delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi terzi. Id-direttorat għad-drittijiet tal-bniedem u kwistjonijiet globali u multilaterali jeżisti fi ħdan is-SEAE, u kull delegazzjoni tal-UE għandha "punt fokali" għad-drittijiet tal-bniedem.

Il-Kummissjoni tinnegozja ftehimiet internazzjonali, tissorvelja l-proċess tat-tkabbir u l-politika tal-viċinat u tmexxi programmi ta' żvilupp u strumenti ta' finanzjament (f'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEAE).

Ir-rwol tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem huwa dak li jżid l-effikaċja u l-viżibilità tal-politika tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. Ir-Rappreżentant Speċjali għandu mandat wiesa' u flessibbli u jaħdem mill-qrib mas-SEAE. Il-kariga hija attwalment okkupata minn Stavros Lambrinidis, maħtur f'Lulju 2012, li huwa l-ewwel rappreżentant tematiku speċjali tal-UE.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament jikkontribwixxi għall-politiki tal-UE u jissorvelja l-ħidma tal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE.

Skont l-Artikoli 207 u 218 tat-TFUE, il-biċċa l-kbira tal-ftehimiet internazzjonali jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Parlament biex jidħlu fis-seħħ. Pereżempju, fl-2011, il-Parlament imblokka l-protokoll tat-tessuti għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) bejn l-UE u l-Użbekistan, prinċipalment minħabba kwistjonijiet marbuta mat-tħaddim tat-tfal. Il-Parlament ta l-approvazzjoni tiegħu biss fl-2016 wara titjib sinifikanti fir-rigward tal-użu tax-xogħol tat-tfal u tax-xogħol furzat.

L-Artikolu 36 tat-TUE jobbliga lill-VP/RGħ tikkonsulta lill-Parlament dwar l-aspetti prinċipali u l-għażliet fundamentali tal-PESK, u tinforma lill-PE bl-evoluzzjoni ta' dawn il-politiki. Il-Parlament jista' jistaqsi mistoqsijiet jew jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill jew lill-VP/RGħ.

Ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament jgħinu biex jissensibilizzaw dwar l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem. Ir-riżoluzzjonijiet jistgħu jkunu parti mill-proċess leġiżlattiv, eżitu tar-rapporti fuq inizjattiva proprja tal-kumitati parlamentari jew ir-riżultat tad-dibattiti ta' urġenza li normalment isiru nhar il-Ħamis filgħodu ta' kull sessjoni plenarja fi Strasburgu bl-għan li jenfasizzaw il-ksur flagranti tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja kollha (l-Artikolu 135 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament).

Is-Sottokumitat tal-Parlament dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, marbut mal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, huwa responsabbli għal kwistjonijiet li jikkonċernaw id-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem – inklużi d-drittijiet tal-minoranzi – f'pajjiżi terzi u l-prinċipji tal-liġi internazzjonali, u biex jiżgura koerenza bejn il-politiki esterni kollha tal-Unjoni u l-politika tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem. Huwa jorganizza seduti ta' smigħ fuq firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem, bil-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati, bl-għan li jingħata kontribut għar-riżoluzzjonijiet u inizjattivi parlamentari oħrajn. Is-sottokumitat jieħu ħsieb ukoll il-ġestjoni ta' kuljum tad-dossiers relatati mad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li d-delegazzjonijiet tiegħu jżuru regolarment il-pajjiżi rilevanti. Il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fir-relazzjonijiet esterni tal-UE huma wkoll trattati mill-kumitati li ġejjin: il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (AFET), il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (INTA), il-Kumitat għall-Iżvilupp (DEVE) u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (FEMM).

Id-drittijiet tal-bniedem jikkostitwixxu element fundamentali tal-laqgħat mal-parlamenti mhux tal-UE u fl-assemblej parlamentari reġjonali. Bl-għan li tiġi żgurata l-konsistenza u l-kredibbiltà tal-attivitajiet tal-Parlament, il-"Linji Gwida għad-Delegazzjonijiet Interparlamentari tal-PE dwar il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija fiż-żjarat tagħhom fil-pajjiżi mhux tal-UE" ġew approvati fl-2011 u ġew aġġornati fl-2016.

Bis-saħħa tas-setgħat baġitarji tiegħu (skont l-Artikolu 14 tat-TUE u l-Artikolu 310(1) tat-TFUE), il-Parlament għandu vuċi fl-allokazzjoni ta' fondi lill-EIDHR u lill-istrumenti ta' finanzjament l-oħrajn użati għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, il-Parlament huwa koleġiżlatur għall-istrumenti ta' finanzjament estern. Il-biċċa l-kbira tal-istrumenti attwalment fis-seħħ se jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2020. Fin-negozjati leġiżlattivi dwar il-ġenerazzjoni li jmiss ta' strumenti, il-Parlament jista' jinfluwenza l-objettivi u l-prijoritajiet ta' dawn l-istrumenti sabiex jiġi żgurat użu effettiv u komplementari ta' għajnuna mill-UE għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi.

Kull sena, il-Parlament Ewropew jagħti l-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb lil attivisti tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja kollha. Fost ir-rebbieħa tas-snin ta' qabel insibu lil Nelson Mandela, Aung San Suu Kyi, Malala Yousafzai u Raif Badawi. Ir-rebbieħa tal-2016, Nadia Murad u Lamiya Haji Bashar, ġarrbu l-jasar sesswali tal-grupp hekk imsejjaħ Stat Iżlamiku (IS), u saru kelliema f'isem in-nisa milquta mill-kampanja ta' vjolenza sesswali tal-IS. Huma jappoġġaw b'mod pubbliku l-komunità Yazidi fl-Iraq, minoranza reliġjuża li kienet soġġetta għal kampanja ta' ġenoċidju mwettqa minn militanti tal-IS. Fl-2017, il-Parlament ta l-Premju Sakharov lill-oppożizzjoni demokratika tal-Venezwela, inklużi l-assemblea nazzjonali tal-pajjiż (rappreżentata minn Julio Borges) u l-priġunieri politiċi kollha kif elenkati mill-Foro Penal Venezolano (rappreżentati minn Leopoldo López, Antonio Ledezma, Daniel Ceballos, Yon Goicoechea, Lorent Saleh, Alfredo Ramos u Andrea González). Il-Parlament ħoloq ukoll in-Netwerk tal-Premju Sakharov biex jappoġġa r-rebbieħa tal-Premju Sakharov, jiżviluppa kuntatti bejniethom u jħeġġeġ attivitajiet konġunti.

Imniedi min-Netwerk tal-Premju Sakharov fl-2013, il-programm tal-boroż ta' studju Sakharov għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem minn pajjiżi terzi għandu l-għan li jespandi l-għarfien tal-benefiċjarji tal-boroż ta' studju dwar l-impenn tal-Parlament Ewropew fid-drittijiet tal-bniedem, biex jgħinhom jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom u jtejbu l-ħidma tagħhom, filwaqt li tiżdied ukoll is-sensibilizzazzjoni dwar il-Premju Sakharov u l-valuri tiegħu.

L-osservatur kap tal-missjonijiet tal-UE għall-osservazzjoni elettorali normalment ikun MPE. Id-delegazzjonijiet ta' osservazzjoni elettorali tal-Parlament Ewropew huma integrati f'missjonijiet tal-UE jew dawk internazzjonali u jużaw il-faċilitajiet u l-infrastruttura tagħhom (għal aktar tagħrif, jekk jogħġbok ara l-iskeda informattiva 5.4.2 dwar il-promozzjoni tad-demokrazija u l-osservazzjoni elettorali).

Il-President tal-Parlament Ewropew jappoġġa b'mod attiv id-drittijiet tal-bniedem permezz ta' dikjarazzjonijiet u ittri u billi jiddiskuti kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem meta jiltaqa' ma' atturi importanti.

Ir-rapport annwali fuq inizjattiva proprja tal-Parlament jinkludi riflessjonijiet dwar il-politika tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u r-rapport annwali tal-UE, jirrieżamina l-attivitajiet proprji tal-Parlament u jistabbilixxi l-prijoritajiet għall-ġejjieni.

Marika Lerch
09/2018